

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Mejju 2015 – Gyarmathy vs EMCDDA

(Kawża F-79/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-EMCDDA — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' reklutaġġ — Fastidju psikoloġiku — Talba għal assistenza — Investigazzjoni amministrattiva — Sentenza fil-kontumacia — Eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors — Att li jikkawża preġudizzju — Inammissibbiltà — Tqassim tal-ispejjeż)

(2015/C 213/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Valéria Anna Gyarmathy (Győr, l-Ungerija) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuti: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (rappreżentanti: D. Storti u F. Pereyra, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-rikonnoxximent tal-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku min-naħa tas-superjur dirett tagħha u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt tagħha, u konsegwentement, għat-twettiq ta' investigazzjoni ġdida u għall-ġoti ta' kumpens għad-danni materjali u morali allegatament imġarrba.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 31, 01.02.2014, p. 22.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Mejju 2015 – Dupré vs SEAE

(Kawża F-11/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tas-SEAE — Membru tal-persunal temporanju — Artikolu 98 tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 2(e) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Kuntratt ta' reklutaġġ — Klassifikazzjoni — Eċċezzjoni ta' illegalità tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti — Pożizzjoni tal-grad AD 5 miftuħ għall-persunal tas-servizzi diplomati nazzjonali u għall-uffiċjali tal-grad AD 5 sa AD 14 — Prinċipju ta' korrispondenza bejn il-grad u l-pożizzjoni — Sentenza fil-kontumacia)

(2015/C 213/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bruno Dupré (Etterbeek, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Tymen, avukati)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tal-kuntratt tar-rikorrent sa fejn dan jikklassifikah fil-grad AD5 u talba għal kumpens għad-dannu allegatament imġarrab.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 102, 07.04.2014, p. 45.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Mejju 2015 – Bischoff vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-36/14) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Irtirar ex officio — Artikolu 23(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Età tal-irtirar — Rifjut li jiġi estiż il-perijodu ta' attività — It-tieni paragrafu tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal — Interess tas-servizz”)

(2015/C 213/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Hartwig Bischoff (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: C. Bernard-Glanz u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Ehrbar, aġenti)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li, minn naħa, jiċħdu t-talba għal estensjoni tas-servizz tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, jikkonfermaw l-irtirar *ex officio* ta' dan tal-aħħar fl-1 ta' Ġunju 2014.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) H. Bischoff għandu jbat i-ispejjeż kollha tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 292, 01.09.2014, p. 60.